MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 367/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Galea**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Galea, imwieled fid-9 ta' Mejju 1979, bin John u Emanuela nee Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 241079M, talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' April 1997 u fix-xhur qabel dijn id-data (**1**) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi, u (**2**) kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, sabet lill-imsemmi Stephen Galea hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu sitt xhur prigunerija u

multa ta' erba' mija u sebgha u sittin ewro (€467); id-decide tas-sentenza, riferibbilment ghall-piena, jaqra testwalment hekk:

**"Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis l-artikoli 17(h) u 37 tal-Kap. 9 u l-fedina netta tal-imputat. Dwar it-trapass taz-zmien, mill-verbali jirrizulta ampjament li dan il-kaz seta' spicca hafna snin ilu li kieku l-imputat attenda meta kellu jidher il-Qorti. Bil-maqlub, kellhom jinhargu diversi mandati tal-arrest biex jidher il-Qorti. Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' €467. Il-multa tista' tithallas b'rati ta' €50 fix-xahar b'ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux."**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Stephen Galea, minnu pprezentat fis-16 Dicembru 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2009; ikkunsidrat:

Ghalkemm b'mod generali l-appellant jghid li l-aggravju tieghu hu li l-ewwel qorti "ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi kif ukoll tad-dritt", huwa mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' htija izda qed jilmenta biss dwar il-piena inflitta. Dan johrog car mit-talba fir-rikors tal-appell minnu prezentat:

**"…joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabitu hati tar-reati addebitati kontra tieghu bl-assorbiment tat-tieni reat fl-ewwel wiehed, tirrevokaha f'dik il-parti fejn m'applikatx l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-finijiet tal-ewwel reat u f'dik il-parti fejn erogat piena karcerarja, u minflok taghti piena alternattiva u aktar ekwa fic-cirkostanzi."**

Dan qed jinghad ghax l-appellant, fl-ewwel parti tar-rikors tieghu, donnu jikkontesta wkoll l-“identifikazzjoni” tieghu da parti ta’ Jason Mifsud bhala l-persuna li kien jghaddilu (cioe` jikkonsenja lill-istess Mifsud) l-erojina. Pero`, kif inghad, it-talba hi limitata ghal riforma fil-piena – bazikament l-appellant qed jghid li f’dan il-kaz, u a bazi tal-provi in atti, kien hemm sitwazzjoni li tikkonfigura f’dak li jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101, hekk imsejjah il-*proviso* dwar ix-*sharing*, b’mod li l-piena karcerarja ma kienitx wahda tassattiva.

Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tidhol fis-sinjifikat u l-portata vera ta’ dan il-*proviso* fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** – sentenza li l-ewwel qorti ghamlet ukoll referenza ghaliha, ghalkemm b’mod pjuttost indirett. Ma hux il-kaz li wiehed joqghod jirrepeti dak li nghad f’dik is-sentenza. Jigi sottolineat biss li, kif del resto tghid espressament ukoll il-ligi, meta jkun hemm l-estremi tax-*sharing* il-qorti mhix obbligata li tinfliggi piena mhux karcerarja izda <u>tista’</u> tevita l-piena mandatorja ta’ prigunerija b’effett immedjat.

Din il-Qorti regghet ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, u hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet korretta meta, f’dan il-kaz, ma applikatx l-imsemmi *proviso*. Mill-kumpless tal-provi, maghduda maghhom l-istqarrija ta’ Jason Mifsud konfermata minnu bil-gurament, jirrizulta li l-appellant kien effettivament jispacca “pakketti zghar ta’ erojina”. Huwa minnu li seta’ kien hemm xi okkazjonijiet fejn l-appellant u Mifsud marru t-tnejn li huma biex ifittxu mnejn jixtru u dak li xtraw haduh flimkien, pero` din il-Qorti – bhall-Qorti Inferjuri qabilha – hi sodisfatta li l-appellant kien ukoll jispacca. Pero` anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja ta’ argument biss, dak li ghamel l-appellant kien jinkwarda esklussivament fil-kuncett ta’ “sharing” – jigifieri li dik id-droga li kellu <u>intiza ghalih</u> qasamha ma’ haddiehor <u>f’dak l-istess waqt li kien qed jikkunsmaha huwa stess</u> – l-ewwel qorti kellha kull dritt li ma tapplikax l-imsemmi *proviso* u li ghalhekk tapplika piena karcerarja b’effett immedjat, u dan ghar-raguni, li diga` sar accenn ghaliha, li l-ligi tghid testwalment “…il-Qorti <u>tista’</u> tiddeciedi

li ma tapplikax [ u mhux “m’ghandhiex tapplika”] id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu.”

Kollox ma’ kollox, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti ghamlet ezami minuzjuz u mill-aktar akkurat tal-provi, u waslet ghal konkluzzjoni li hija kondiviza wkoll minn din il-Qorti. L-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-eta` li kellu dak iz-zmien l-appellant – infatti ssemmi espressament l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali – kif ukoll iz-zmien li hadu dawn il-proceduri – tul ta’ zmien li ghalih jahti principalment jekk mhux esklussivament l-appellant. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-verbali a fol. 64, 96, 98, 101, 105, 108, 128, 136, 138, 139, 141, 144, 145, 151, 153, 155, 163 – fost ohrajn. Fi ftit kliem, l-appellant ghamel minn kollox biex itawwal din il-kawza – fatt, dan, li gie rilevat ukoll mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Ta minn jinnota li f’dan il-kaz il-prosekuzzjoni kienet ilha li ghalqet il-provi taghha sa mid-9 ta’ Novembru 2000 – ara l-verbal a fol. 110.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iz-zmien ta’ erba’ gimghat ghall-hlas tal-ewwel rata tal-multa jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------